FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 21 ta' Dicembru, 2001**

**Numru 15**

**Avviz numru 818/01JR**

**Media Link Communications u b'digriet tat-22 ta' Novembru, 2001, giet mizjuda il-kelma "Ltd." wara Media Link Communications**

**vs**

**Dr. PC Company Limited u b'digriet tat-22 ta' Novembru, 2001, isem il-konvenut ghandu jinqara bhala "Jean Pierre Fenech bhala stralcjarju ta' Dr. PC Company Limited"**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fis-27 ta' Awissu, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija u tmenin lira Maltija u tmienja u erbghin centezmu (Lm180.48), rapprezentanti prezz ta' reklamar fuq il-media tas-socjeta` attrici ordnat mill-konvenut u mhux imhallas kif jidher mill-istatement anness mal-avviz u mmarkat Dok.A;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-invoice kontra s-socjeta` konvenuta li r-rapprezentanti taghha huma ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra li fis-seduta tat-22 ta' Novembru, 2001 deher l-istralcjarju Jean Pierre Fenech li kkontesta t-talba;**

**Semgha x-xhieda ta' Jonathan Cuschieri ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u tmenin lira Maltija u tmienja u erbghin centezmu (Lm180.48), bl-imghaxijiet legali mit-2 ta' Lulju, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**